# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 543

L-Erbgħa, 16 ta' Marzu, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 543.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-SE infurmat lill-membri tal-Kunsill Lokali illi l-Vici Sindku Paul Mizzi u l-Kunsillier Alvin Grech talbu li jigu skuzati minhabba li ma jistghux jattendu ghal-laqgha minhabba xoghol. Hadd ma sab oggezzjoni.

## 543.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekutti.

## 543.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

543.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali illi rcevejna kontro protest mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali bhala risposta tal-Protest Gudizzjarju li baghat il-Kunsill dwar il-kwistjoni tat-trakkijiet.

543.3.2 Ircevejna risposta pozittiva illi ser jaghtuna l-*percussion instruments* ghal Gnien il-Familja.

543.3.3 Ircevejna lment dwar tappiera mkissru quddiem il-Kazin tal-Banda. Din ghandha titranga minn Infrastructure Malta peress li din tkissret minnhom biex ghamlet l-parkegg tal-*electric vehicles*.

543.3.4 Is-Sindku avza lill-Kunsill illi l-offerta tal-van tal-elettriku harget u taghlaq nhar it-12 ta' April 2022.

543.3.5 Dwar ir-restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Patri, is-SE qalet li ghaddej ix-xoghol u suppost dalwaqt ikun lest u dan wara li jaghtu l-ahhar struzzjonijiet taghhom l-SCH. TM infurmat lill-Kunsill illi ma jistghux jinghata permessi fil-weekend li ser jigi l-Papa.

543.3.6 Dwar ix-xogholijiet ta' resurfacing fi Triq Ghajn Tuta, is-Sindku nforma lill-membri illi flimkien mas-SE iltaqa' mal-kuntrattur u l-Perit sabiex jibda' x-xoghol fil-gimghat li gejjin.

543.3.7 Dwar l-ispejjez tal-Perit li saru sabiex sar il-gibjun ta' Triq Qasam San Gorg, Eko Ghawdex approva it-talba tal-Kunsill Lokali sabiex dawn jithallsu minn naha taghhom.

543.3.8 Il-Kunsill Lokali rcieva korrispondenza minghand Green MT sabiex ihallas xi multi fuq skart li jkun qieghed jintrema hazin minn naha tar-residenti fil-boroz taz-zibel.

Il-Kunsill qed joggezzjona bil-qawwi kontra dan il-kont ghaliex mhuwiex it-tort tal-Kunsill illi r-residenti ma jkunux qed jifirdu l-iskart kif suppost. Filfatt, is-Sindku qal li din diga' qed jaraha r-Regjun t'Ghawdex minn naha tieghu u ser ikun qed jitkellem f'isem il-Kunsilli Lokali kollha.

543.3.9 Is-SE infurmat lill-Kunsill illi minn meta dahlet lura mil-leave tal-maternita', saret taf illi l-Financial Statements, li kellhom ikunu lesti sal-25 ta' Frar 2022, ghadhom ma nbdewx. Ghalhekk, infurmat lill-Kunsill illi din is-sena, dawn ser ikunu qed jinhadmu u jigu sottomessi tard.

543.3.10 Is-Sindku pprezenta xi kwotazzjonijiet ghal screen li se nkunu qed nixtru taht l-iskema tal-libreriji. Ser jinxtaha l-ahjar wiehed bl-irhas prezz.
Ingabru xi kwotazzjonijiet ta' sleeping policeman ghal Triq Qasam San Pawl u Triq M M Debrincat. Ser nahdmu bl-irhas wahda.

543.3.11 Ingabru ukoll xi kwotazzjoinijet sabiex isir passagg f'Wied il-Lunzjata. L-irhas wahda hija ta' Eur1,062 u sar qbil li jsir.

## 543.4 Evalwazzjoni dwar il-laqgha pubblika li saret dwar it-trakkijiet

Is-Sindku tkellem dwar il-laqgha pubblika li saret nhar it-2 ta' Marzu 2022 gewwa l-Kazin tal-Banda. Huwa qal li kienu prezenti numru tajjeb ta' residenti u gie anke l-Ministru ghal Ghawdex Clint Camilleri fejn wieghed li x-xoghol fuq ir-rotta l-gdida tat-trakkijiet se jsir. Intbghatet ukoll ittra mill-ex Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv is-Sur Alfred Stellini fejn ippropona kif ghandhom jinqasmu l-hinijiet tal-hrug tat-trakkijiet minn Ta' Kercem u Santa Lucija, jigifieri, li johorgu minn Ta' Kercem minn filghodu sas-1pm u mis-1pm 'l quddiem johorgu minn Santa Lucija. Dan peress li wara nofsinhar ikun hemm il-hrug tal-iskola Santa Tereza u l-Muzew. Kien hemm ukoll xi suggerimenti mir-residenti li sahqu li ghandu jsir l-infurzar. Is-Sur David Mizzi minn fost il-pubbliku waqt il-laqgha pubblika talab li ghandha ssir laqgha pubblika ohra propju fuq dan is-suggett u jigu rapprezentanti ta' Transport Malta, LESA u l-Pulizija sabiex jirrispondu l-mistoqsijiet li jkun hemm. Is-Sindku qal li huwa diga tkellem mas-Supretendent. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

## 543.5 Financial Statements 2021

Kif diga' spjegat qabel is-Segretarju Ezekuttiv, meta dahlet lura mil-leave tal-maternita', saret taf illi l-Financial Statements, li kellhom ikunu lesti sal-25 ta' Frar 2022, ghadhom ma nbdewx. Ghalhekk, infurmat lill-Kunsill illi din is-sena, dawn ser ikunu qed jinhadmu u jigu sottomessi tard.

## 543.6 Offerta dwar Van tal-Elettriku

Is-SE infurmat lill-Kunsill Lokali illi harget l-offerta ghall-van tal-elettriku u se ngibuha 9-seater minflok 7-seater peress li xorta hemm fondi bizzejjed ghal wahda

9-seater.

## 543.7 Offerta dwar Playing Equipment – Mizura 4

Is-SE qalet li din l-offerta ser ikollha terga' tohrog ghat-tielet darba peress li hadd ma kien tefaghha.

## 543.8 Harga f'Ghawdex

Is-Sindku ssuggerixxa li ssir harga f'April li gej ghal zmien il-festi tal-Ghid. Hadd ma sab oggezzjoni.

## 543.9 Ilmenti u Suġġerimenti

543.9.1 Il-Kunsillier Frankie Attard semma t-tabelli tal-Merhba ta' Santa Lucija u talab biex isiru l-godda peress li hemm ezistenti m'ghadhomx jidhru. Hadd ma sab oggezzjoni.

543.9.2 Saret talba sabiex titranga bankina fi Triq san Girgor. Kulhadd qabel li ssir.

543.9.3 Saret talba sabiex jitranga hajt tas-sejjiegh fejn it-tarag tal-Lunzjata. Hadd ma sab oggezzjoni.

## 543.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 543.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-6pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 13 ta' April, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |